Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0330

L-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu, it-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 (COM(2025)0828 – C10-0123/2025 – 2025/0180(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0828),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 194(2) u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0123/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Parlament Ungeriż u mill-Parlament Slovak, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta’ att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta’ Settembru 2025[1],

– wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta’ Proċedura

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

tiegħu, u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta’ Diċembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija skont l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A10-0195/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma’ din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje L ta’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġiżlattiv finali;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0180

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-17 ta' Diċembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu, u t-tħejjija għall-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet taż-żejt Russu, it-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/261.)

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar azzjoni futura rigward iż-żejt Russu

Sabiex jiġu evitati riskji essenzjali għas-sigurtà u dipendenzi enerġetiċi li jirriżultaw mit-tkomplija tal-kummerċ tal-enerġija mal-Federazzjoni Russa, il-Kummissjoni Ewropea tibqa' impenjata li tiżgura l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet kollha taż-żejt li fadal mill-Federazzjoni Russa sa tmiem l-2027, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Versailles.

Il-Kummissjoni biħsiebha tressaq proposta leġiżlattiva fil-bidu tal-2026 biex tipprojbixxi l-importazzjonijiet taż-żejt mill-Federazzjoni Russa malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn tmiem l-2027.

Il-Kummissjoni se tivvaluta bir-reqqa l-impatt potenzjali ta' terminazzjoni aċċellerata tal-importazzjonijiet taż-żejt fuq is-sigurtà tal-provvista, l-ekonomija u l-kompetittività tal-Istati Membri l-aktar affettwati.

Il-Kummissjoni se taħdem b'mod attiv, fi spirtu ta' solidarjetà, mal-Istati Membri affettwati direttament u ma' Stati Membri rilevanti oħra, sabiex tidentifika miżuri xierqa biex jiġu minimizzati r-riskji possibbli identifikati fil-valutazzjoni, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal provvisti alternattivi.